# Beati u Qaddisin....Marzu

## 9 ta' Marzu San Duminku Savio

Duminku Savio twieled fit-2 ta' April tas-sena 1842 gewwa San Giovanni qrib Chieri fid-djocesi ta' Turin. Kien it-tieni wild minn ghaxart ulied. Missieru kien haddied jismu Karlu filwaqt li ommu kien jisimha Brigida u kienet tahdem bhala hajjata. Fl-istess jum li twieled Duminku gie mghammed fil-knisja ta' l-Assunta.



Fi tmiem is-sena 1843 il-familja telqet biex tghix gewwa Murialdo. Hawn Duminku beda l-iskola u ircieva l-ewwel tqarbina fil-knisja parrokjali fit-8 ta' April tas-sena 1849. F'din l;-okazzjoni fl-eta ta' seba' snin huwa ghamel il-progamm tal-hajja tieghu spiritwali. Kien hekk: " Inqerr ta' spiss u nitqarben kull meta l-konfessur jaghtina l-permess. Irrid inqaddes il-jiem tal-festa. Hbiebi jkunu Gesu' u Marija. Mewt iva, imma dnub qatt."

Fix-xahar ta' Frar tas-sena 1853 il-familja Savio ttrasferixxiet ruhha mill-gdid din id-darba gewwa Mondonio vicin Castelonuovo. Fit-2 ta' Ottubru tas-sena ta' wara, Duminku, issa ta' tnza-il sena il taqa' ma' San Gwann BHosco gewwa Becchi. Il-qaddis baqa' mistghageb bl-ispiritwalita' ta' dan iz-zaghzugh pur. "Gharaft f'dan it-tfajjel ruh kif jixtieqha il-Mulej," jistqarr Don Bosco.

Duminku Savio qal lil Don Bosco: " Jiena bicca drapp, inti l-hajjat. Aghmel minni libsa sabiha lil-Mulej." Don Bosco beda jmexxih fit-triq tal-qdusija u qieghdlu quddiem dawn l-

istruzzjonijiet: FERH, TALB, STUDJU, IMHABBA LEJN L-OHRAJN u DEVOZZJONI LEJN MARIJA SSma.

Duminku Savio ghazel li Don Bosco bhala l-konfessur tieghu u kien iqerr kull hmistax il-jum. Wara beda jqerr kull gimgha sabiex ikollu aktar direzzjoni spiritwali. U dak li kien jisma' kien iqieghdu fil-prattika. Igib il-paci fost il-miggildin, jghallem il-katekizmu u jara l-htigijiet ta' shabu u jghinhom fil-bzonnijjiet taghhom.

Jum wiehed kien akkkuzat li kien il-htija li tefa xi silg fuq l-appart tas-shana li kellhom fil-klassi minn tnejn minn shabu. L-ghalliem canfru quddiem il-klassi kollha u kkastigah. Hadd ma kien capaci jaqbez ghalih u juri l-innocenza tieghu. Izda wara l-lezzjoni wiehed ghamel il-qalb, resaq fuq is-surmast u stqarr il-v erita. Is-surmat sejjah li Duminku u qallu:" Ghaliex bqajt sieket. Wettaqt ingustizzja quddiem il-klassi kollha mieghek." "Ma jimpurtax," stqarr Duminku, " Kristu sofra ingustizzja ukoll u baqa' sieket."

Jum minnhom zewg hbieb tieghu ta' l-iskola bdew jinsultaw lil xulxin sahansitra waslu biex jisfidaw lil xulxin ghall-glied. Duminku kien ghaddej minn hemm u x'hin rawhom innota l-periklu li kienu ser jidhlu fih. Ghalhekkk hareg kurcifiss minn ghonqu li dejjem kien igorr mieghu u filwaqt li resaq fuqhom ghajjat: " Harsu lejn Gesu. Huwa miet jahfer lil qattiela u ghedewwa tieghu u intom tridu titqatlu biex tivvendikaw ruhkom."

Fil-jum li il-Papa Piju IX ipproklama d-domma ta' l-Immakulata, Duminku resaq fuq Marija u ghamlilha din it-talba: " Marija, jiena naghtik qalbi biex tkun dejjem tieghek. Ghamel li jiena immut biex ma nwettaqx dnub. Esu' u Marija kunu dejjem il-hbieb tieghi." Sentejn wara waqqafgrupp ta' hbieb li sejhilhom "il-kumpannija ta' l-Immalulata." Dawk li ssiehbu mieghu riedu jhobbu lil Gesu' u lil Marija u joffru l-ghajnuna taghhom lil dawk fil-bzonn.

Omm San Gwann Bosco qalet lil Binha dawn il-kelmiet fuq Duminku Savio: " Ghandek hafna zaghzagh ta' qalb tajba izda hadd ma jghaddi liul Duminku Savio. Dejjem narah jitlob u jibqa' fil-knisja anke meta l-ohrajn johorgu. Gie li naqqas mir-rikreazzjoni biex imur jaghmel vizita lis-Sagrament. Fil-knisja jkun qisu anglu li jghix fil-genna.". Kien kawza ta' dan kollu l-gentiru ta' Duminku li rabbewh sewwa hafna u Dun Gwan Bosco li kompla ghen jghix hajja spiritwali u qaddisa.

Fis-sajf tas-sena 1856 xterdet il-kolera, marda li dak iz-zmien kienet inkurabbli. Dawk li ma ttihdux bil-marda baqghu d-dar u rrifjutaw kull kuntatt ma' persuni ohra. Ghalhekk Don Bosco gabar it-tfal li kien jiehu hsieb u min kien kuraggjuz hareg mieghu biex jassisti fil-htigijiet tal- povri morda. Fosthom kien hemm Duminku Savio. Sfortunatament marad huwa ukoll u kellu jirritorna lejn id-dar fejn fid-9 ta' Marzu tas-sena 1857 huwa miet fi hdan il-genituri tieghu. Lil ommu huwa qalilha: Ma tikbix ghaliex jiena sejjer il-genna.

Kien il-Papa Piju Xii li ddikjarah qaddis. Il-fdalijiet tieghu huma venerati fil-Basilka ta' Turin ta' Marija Awziljatrici. Qaddis ta' kwazi 15 il-sena huwa l-aktar qaddis zaghzugh mhux martri.